**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

### SEDUTA NRU 48 – IL-ĦAMIS 22 TA' NOVEMBRU 2012 (LAQGĦA URĠENTI)

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 1. NOMINAZZJONI TA' AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, sekondat mill-Viċi Sindki, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva dawn il-proposti:

A. DATA TAR-RIŻENJA TAS-SUR ALFRED BUHAGIAR MINN AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1.2 Il-Kunsill unanimament approva biex l-Agent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biex jirtira d-data oriġinali tar-riżenja tiegħu ħalli din tkun b'effet mill-1 ta' Jannar 2013.

1.3 Dan qiegħed jintalab biex is-Sur Alfred Buhagiar jieħu l-*leave* li huwa dovut lilu sal-aħħar tas-sena. Barra dan, l-Audit li jinżamm normalment u wara li jieqaf mill-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv, ikun kombinat mal-għeluq tas-sena finazjarja li huwa fl-aħħar ta' Diċembru 2012.

B. ĦATRA TA' SEGREJTARJU EŻEKUTTIV SKONT MEMO 4/2012

1.4 Il-Kunsill unanimament approva biex immedjatmanet jibda l-proċess biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv skont Memo 4/2012.

C. DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1.5 Il-Kunsill unanimament qed jinnomina għall-approvazzjoni tad-Dipartiment biex is-Sinjura Georgette Borg, fil-preżent Assistent Prinċipal fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, tinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, waqt li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikun barra fuq *leave*.

D. AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1.6 Il-Kunsill unanimament approva biex kemm-il darba il-proċess biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ikun għadu mhux konluż sal-aħħar ta' Diċembru 2012, il-Kunsill għandu jressaq nominazzjoni għall-approvazzjoni tad-Dipartiment biex dan jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. LAQGĦA

Il-laqgħa ntemmet fis-5:20 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar
Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv